GUDJA

Minuti tas-sitta u għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 28 ta' Marzu 2011.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillier; | Mark Anthony Sammut |
| Skużati: | Kunsillieri; | Osvaldo Pace u Anthony Dalli |

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 25/6 (07/03/2011)

2. Kommunikazzjonijiet:-
    a. Sindku
    b. Viċi-Sindku
    c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
    a. Ilmenti
    b. Ittri li ntbagħatu
    c. Ittri li rċevejna

4. Proġett ta' toroq (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun) u Bankina fi Triq William Baker, Gudja - Progress

5. Upgrade ta' Grad – Skala 11

6. Finanzi
    a. Petty Cash
    b. Skeda ta' pagamenti
    c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

7. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.55p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 25/6 (07/03/2011)**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tas-07 ta' Marzu 2011 li ġew ċirkulati għand il-kunsillieri kollha qabel din il-laqgħa ġew approvati nem con.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Rampa qrib l-iskola St. Joan Antide Gudja. Is-Sindku qal li kien qed jikkonsidra dak meħtieġ flimkien mal-Perit tal-Kunsill sabiex jara jekk din tistax issir mill-ħaddiema tal-Kunsill jew mill-kuntrattur.

Is-Sindku qal li hija x-xewqa ta' l-iskola St. Joan Antide li din ir-rampa ssir f'xi ġurnata meta ma tkunx miftuħa l-iskola. Il-Kunsill qabel li ssir din ir-

rampa u li din l-ispiża m'għandix taqbeż it-€350.00 u għalhekk approva dan ix-xogħol għas-somma ta' €350.00 li tinkludi xogħol u materjal.

2.1.2 Rampa fit-tarf ta' Triq Ħal Safi kantuniera ma' Triq Ħal Far Gudja. Is-Sindku spjega li din ir-rampa ta' xi sitt pulzieri għoli tkun isservi bħala sleeping policeman u ilqugħ ta' l-ilma.

Il-Kunsill qabel li għandha tinkiseb stima mingħand il-Perit tal-Kunsill sabiex tiġi preżentata fil-Kunsill u wara tittieħed deċiżjoni dwar dak li jkun meħtieġ.

2.1.3 Triq Ħal Luqa, Gudja. Is-Sindku qal li għandha tinkiseb informazzjoni dwar kif miexi l-proġett ta' Trasport Malta, li kien miftiehem li t-Trasport Malta se tirranġa it-triq peress li kienet it-Trasport Malta li sejra tgħaddi ħafna traffiku minn din it-triq meta tkun qed twettaq proġett estensiv ta' toroq arterjali f'dawn l-inħawi.

Il-Kunsill qabel li jekk it-Trasport Malta tkun sejra ddum li tirranġa Triq Ħal Luqa Gudja, l-Kunsill jikkonsidra aktar xogħol ġewwa din it-triq sabiex jimla l-ħofor kif ikun meħtieġ.

2.1.4 Xogħol minuri dwar biċċa bankina fi Triq Ħal Resqun Gudja. Is-Sindku spjega kif kien hemm talba quddiem il-Kunsill sabiex titbaxxa l-bankina u jkun hemm aċċess sewwa għal garaxx. Il-Kunsill qabel li tinxtara nofs jarda konkos flimkien mal-jarda u nofs konkos li dwarhom kien diġa qabel il-Kunsill sabiex meta jkun sejjer jingħata l-konkos fi Triq Birżebbuġa tkun tista tintuża din in-nofs jarda u titbaxxa l-bankina kif meħtieġ fi Triq Ħal Resqun (fejn tagħlaq it-triq) u dan ix-xogħol issir minn nies assenjati mal-Kunsill.

2.1.5 Bollards. Is-Sindku spjega li qed ikun hemm talba għand il-Kunsill sabiex jintużaw bollards żgħar. Għalhekk il-Kunsill jista jirranġa l-bollards li għandu l-Kunsill li qabel kienu jiffurmaw parti minn dustbins u b'hekk jiġu frankati l-flus u nsibu rimedju li tiġi protetta l-proprjeta mingħajr spejjeż żejda.

2.1.6 Proġett fil-Housing Estate, tal-Mitħna, Gudja. Is-Sindku nforma l-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 25 ta' Marzu 2011 huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirma ftehim mal-Housing Authority dwar xogħlijiet ambjentali li barra milli jirrigwarda xogħlijiet, hemm ukoll xogħol dwar il-bnedmin li jgħixu speċjalment fil-flats sabiex dawn ikollhom ħajja aħjar. Il-project leader u ko-ordinatur ta' dan il-proġett huwa s-Sur Joseph M. Formosa. Għal dan il-proġett il-Housing Authority ftehmet li tħallas is-somma ta' €75,000.00.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sindku u qabel li jkun hemm laqgħa urġenti mal-Perit tal-Kunsill sabiex isiru xi amendi meħtieġa u wara issir laqgħa mal-Perit tal-Housing Authority, Melanie Spiteri sabiex ikun hemm l-ko-ordinament meħtieġ u joħorġu t-tenders malajr kemm jista jkun.

Hija l-fehma tal-Kunsill illi x-xogħol dwar l-ambjent jibda u jispiċċa fix-xhur tas-Sajf. Ix-xogħol dwar il-ħtiġijiet tar-residenti tal-flats għandu ukoll jibda malajr kemm jista jkun iżda dan iwassal sa l-aħħar ta' Diċembru 2011 sabiex jiġi assigurat li r-residenti jirċievu l-massimu tal-benefiċċju ta' dan il-proġett anke fuq bażi individwali.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Ambjent. Separazzjoni ta' l-iskart. Is-Sur Baldacchino qal li nhar it-Tnejn 04 t'April 2011 fis-1.00p.m. sejra issir attivita flimkien mal-Greenpak u l-iSkola Primarja Gudja Kulleġġ San Benedittu, sejra tkompli l-kampanja dwar l-edukazzjoni sa minn eta żgħira dwar l-importanza tas-separazzjoni u riċiklaġġ ta' l-iskart. Il-programm jinkludi parti fejn jintiżen l-iskart separat u kompetizzjoni relatata bejn il-klassijiet.

Sejjer ikun hemm għoti ta' tifkiriet kif ukoll banners żgħar għal klassijiet li jipparteċipaw. Sejjer jiġi servut frott, ilma u yoghurt li huwa konsiderati bħala ikel tajjeb għas-saħħa. Ġew mistiedna Dr. Chris Said Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsill Lokali u Konsultazzjoni Pubblika u Dr. Stefan Buontempo Kelliem Ewlieni għall-Kunsilli Lokali. Għal din l-attivita l-Kunsill sejjer joħroġ u approva s-somma ta' €450.00

2.2.2 Ftehim mal-Gudja United Football Club dwar l-użu tal-ground u faċilitajiet, mill-Kunsill Lokali Gudja. Is-Sur Baldacchino fakkar lill-Kunsill li dan il-ftehim għandu jitqies bħala ftehim storiku li bih il-Kunsill permezz ta' kuntratt li jista jitqies bħala kuntratt mudell, il-Kunsill investa s-somma ta' €12,000.00 għall żmien ħames snin u b'hekk kemm tfal, żgħażagħ, adulti u anzjani jkunu jistgħu isibu lok fejn jieħdu sehem f'attivitajiet sportivi u eżerċizzju fiżiku għall ħajja aħjar.

Is-Sur Baldacchino qal li sejjer jaħdem flimkien mal-Kunsillier is-Sur MA Sammut sabiex l-għaqdiet kollha tal-Gudja kemm każini, skejjel, mużew subien u bniet isiru jafu b'dan il-ftehim u jindikaw meta jkunu jridu jużaw il-ground sabiex b'dan it-tagħrif issir program u s-siegħat li għandu l-Kunsill permezz ta' dan il-ftehim jintużaw bl-aktar mod sistemat u jinkiseb l-akbar benefiċċju mir-residenti kollha tal-Gudja.

Is-Sur Baldacchino qal li xtaq li f'isem il-Kunsill jirringrazzja lil kull min ħadem dwar dan il-ftehim kif ukoll lil Dr. Chris Said u lil Dr. Stefan Buontempo għad-diskorsi sbieħ u ta' inkorraġament kif ukoll lid-Direttur tal-Gvern Lokai talli ukoll kien preżenti u li qagħad flimkien ma' Dr. Chris Said bħala xiehda ta' dan il-ftehim.

2.2.3 Ħsara fil-bandli fi Ġnien Ġlormu Cassar, Tax-Xlejli Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li hemm ħtieġa sabiex issir xogħol ta' manutenzzjoni ta' dawn il-bandli peress li uħud minnhom saritilhom ħsara li tista tikkawża periklu speċjalment għat-tfal. Il-Kunsill qabel li għandu jsir rapport dwar dak meħtieġ. Il-Kunsill qabel li jawtorizza is-somma sa massimu ta' €2,000.00 sabiex isir ix-xogħol u bdil ta' bandli kif ikun meħtieġ.

2.2.4 Proġetti dwar l-Urban Improvement Fund (UIF). Is-Sur Baldacchino qal li fil-preżent f'dan il-fond hemm €33,018.89.

Is-Sur Baldacchino qal li dwar Ġnien il-Ħelsien huwa kien tal-fehma li dan ix-xogħol jista jsir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill u għalhekk jiġi iffrankati il-flus u dan ma jkunx proġett taħt il-UIF. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Baldacchino.

2.2.5 Ġnien Raymond Caruana. Bandli, il-pitch tal-football u xogħol ieħor ta' tisbieħ. Is-Sur Baldacchino ippropona u l-Kunsill qabel li dan il-proġett issir taħt il-UIF u li għanda ssir applikazzjoni kif ikun meħtieġ.

2.2.6 Ġnien Ġlormu Cassar, Tax-Xlejli Gudja – Pitch tal-Football. Is-Sur Baldacchino ippropona u l-Kunsill qabel li dan il-proġett issir taħt il-UIF u li għandha issir applikazzjoni kif ikun meħtieġ.

2.2.7 Salib tal-Gudja u l-Menħir f'Dawret il-Gudja. Is-Sur Baldacchino ippropona u l-Kunsill qabel li għandu jsir xogħol meħtieġ ta' restawr peress li ġie stabbilit mingħajr ebda dubju li dawn jinsabu fil-konfini tal-Gudja u l-Kunsill sejjer jipprova jsib fondi jew mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jew taħt is-Sustainable Tourism sabiex b'hekk il-Kunsill ikompli iżid l-assi tiegħu fil-proġett Gudja Post Turistiku.

2.2.8 Isem ta' Triq Luqa, Gudja. Is-Sur Baldacchino ippropona u l-Kunsill qabel li jitwaħħlu tabelli meħtieġa ġewwa din it-triq sabiex ma jkunx hemm dubju dwar il-konfini tal-Gudja f'dawn l-inħawi.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Sur Mark Anthony Sammut

a. Ġirja u Mixja ħdejn ta' Loreto Gudja nhar il-Ħadd 03 t'April 2011.

| | |
|---|---|
| Tibda:- | fit-8.30a.m. |
| Tul:- | 5km |
| Minn jiġri:- | 20minuta |
| Minn jimxi:- | 50minuta |

Is-Sur Sammut qal li din l-attivita hija parti minn programm sportiv li jkollu l-qofol tiegħu b'attivita f'Jum il-Gudja 2011 fil-15 ta' Lulju 2011. Il-Kunsill approva l-ħlas għal Pulizija li jidderiġi t-traffiku u toffri ħarsien lil kull min jieħu sehem. Is-Sur Sammut ħeġġeġ lil kulħadd sabiex jieħdu sehem u jkunu preżenti għal din l-attivita popolari.

b. Skema dwar inizjattiva sportivi fil-lokalitajiet 2011. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill Lokali Gudja kien sejjer jibbenefika mis-somma totali ta' €3415.00 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u mill-Kunsill Malta għall-iSports u jorganizza attivitajiet bl-isem After School Sports Programme – Primary (30weeks x 1 ½ hours x twice a week għall 40 parteċipant) u Aerobics (10weeks x 1session x 1hour for 15 participants) – 12 courses taħt l-iSkema attivitajiet sportivi fil-Lokalita tal-Gudja.

Il-Kunsill qabel li joħroġ is-somma addizjonali ta' €3415.00 skond il-ftehim għal għajnuna finanzjarja sabiex jittellgħu l-programmi tal-isports kif imsemmija aktar il-quddiem.

c. Pendenzi mat-Trasport Malta. Is-Sur Sammut qal li kien qed jaħdem dwar dawn il-pendenzi u li jispera li jinkiseb progress kemm jista jkun malajr:-

i. Pelican crossing f'Dawret il-Gudja fl-inħawi ta' Triq BurĠlat
ii. Sabiex Triq Sta Marija issir 'one way'
iii. Eżerċizzju ta' Traffic Management f'diversi inħawi tal-Gudja fosthom fl-inħawi ta' Xlejli.

Il-Kunsill qabel li tingħata kull għajnuna amministrattiva sabiex jinkiseb il-progress meħtieġ.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Maqgħad ta' l-ilma biswit Ġnien Raymond Caruana fuq in-naħa ta' Triq Pietru Gagliardi kantuniera ma' Triq Bir Miftuħ Gudja. Il-Kunsill qabel u approva li jsir kanal xieraq sabiex jiskula l-ilma.

3.1.2 Il-Kunsill ġie infurmat ukoll dwar l-ilmenti li rċieva u dwar l-azzjoni li qed tittieħed f'waqta sabiex jiġi eliminat kull inkonvenjent fl-iqsar żmien possibli.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ġie infurmat u ħa konjuzjoni dwar diversi ittri li ntbagħtu u qabel li jsegwi l-progress u l-interess tal-Kunsill kif meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ġie infurmat u ħa konjużjoni dwar l-ittri li rċevejna u qabel li jieħu l-passi meħtieġa u segwi l-azzjonijiet meħtieġ dwar l-interess tal-Kunsill.

## 4.0 Proġett ta' toroq (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun) u Bankina fi Triq William Baker Gudja - Progress

4.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar il-progress tax-xogħol fi Triq Ħal Resqun u qal li x-xogħol jidher li sejjer ikun lest sal-31 ta' Marzu 2011. Il-Kunsill qabel li jkun hemm laqgħa mal-Perit sabiex dan jiċċertifika x-xogħol kif ikun meħtieġ.

4.2 Dwar Triq Joseph Gravina u Triq l-Awrekarja l-Kunsill qabel li għandhom isiru diskussjonijiet mal-Perit sabiex jiġi stabbilit l-aktar metodu effiċjenti u effikaċi li jitwettqu dawn ix-xogħlijiet.

4.3 Dwar il-bankina fi Triq William Baker. Il-Kunsill qabel li jsir xogħol ta' paving kif ikun meħtieġ. Il-Kunsill qabel ukoll illi tinkiseb stima tax-xogħol ta' tarmak għat-triq safejn ikunu saru l-bankina bil-paving u b'hekk ix-xogħol ikun aħjar.

## 5.0 Upgrade ta' Grad – Skala 11

5.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tar-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv u dwar li s-Sinjorina Antoinette Azzopardi hija eliġibbli li tiġi promossa għal skala 11 peress li għandha l-esperjenza u kompetenza meħtieġa li tiġi promossa għal Skala 11.

5.2 Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv u qabel ukoll li jintalab il-parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar din il-promozzjoni sabiex jiġi assigurat li l-Kunsill ikun mexa kompletament mar-rekwiżiti tal-liġi u l-proċedura dwar il-Kunsilli Lokali u r-riżorsi umani impjegati mal-Kunsill Lokali.

## 6.0 Finanzi

6.1 Petty Cash. L-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Frar 2011 b'ammont ta' €36.37 ġie approvat kif ippreżentat.

6.2 Skeda ta' pagamenti. Is-skeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Marzu 2011 għas-somma ta' €42,747.11 ġiet approvata kif ppreżentata wara li ġew imwieġba l-mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda ta' pagamenti.

6.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

6.3.1 Il-Kunsill approva x-xiri ta' servizzi, xogħlijiet u materjal ieħor kif imsemmija aktar il-quddiem f'dawn il-minuti.

6.3.2 Asfalt għal mili ta' ħofor f'diversi toroq fil-Gudja. Il-Kunsill qabe li tinxtara 100 xkora asfalt għal mili ta' diversi toroq fit-toroq tal-Gudja.

6.3.3 Xiri ta' gradilja tal-ħadid. Il-Kunsill qabel li tinxtara gradilja tal-ħadid għal Triq Ħal Safi.

6.3.4 Search light fl-inħawi tal-Gudja United FC. Il-Kunsill qabel li din il-bozza tiġi msewwija kif meħtieġ peress li din hija meħtieġa għas-sigurta ta' dawn l-inħawi.

6.3.5 Żebgħa għal diversi xogħlijiet. Il-Kunsill qabel li tinxtara żebgħa għal diversi xogħlijiet.

6.3.6 Bins għal ħmieġ tal-klieb. Il-Kunsill qabel li jinxtraw erba' bins u jitwaħħlu f'diversi inħawi fil-Gudja speċjalment fejn jidher ċar f'dawk l-inħawi fejn joħorġu l-klieb għal mixi.

## 7.0 Għeluq tal-laqgħa

7.1 Servizz ta' Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkustanzi preżenti u ħtiġijiet tal-Kunsill is-SurJM Formosa għandu jibqa jaqdi lil Kunsill f'din il-kariga għal żmien indefinit.

Aġġornament

Il-Laqgħa li jmiss sejra ssir nhar il-Ġimgħa 29 t'April 2011 fil-5.30p.m. fuq l-agenda li tiġi ċirkulata aktar il-quddiem qabel il-laqgħa.

Il-laqgħa għalqet fid-8.35p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________